32007D0139

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Frar 2007

li tawtorizza eżenzjoni temporanja mill-Artikoli 4(3) u 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff ta' l-Ożonu, fir-rigward ta' l-użu u t-tqegħid fis-suq ta' l-HCFC-225cb għall-produzzjoni tal-fluworopolimeri

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 556)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2007/139/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff ta' l-Ożonu [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(7) tiegħu,

Billi:

(1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 l-użu ta' u t-tqegħid fis-suq ta' l-idroklorofluworokarboni (HCFCs) huma pprojbiti.

(2) Awtorità kompetenti tar-Renju Unit fl-14 ta' Frar 2006 talbet eżenzjoni, sal-31 ta' Diċembru 2010, skond l-Artikolu 5(7) tar-Regolament Nru 2037/2000 f'isem AGC Chemicals Europe, Ltd.

(3) AGC Chemicals Europe, Ltd. (ASAHI) huwa fornitur tar-reżin fluworinat Etilene-tetrafluworoetilene (ETFE), li jintuża bħala materjal għall-iżolament tal-wajers ta' l-elettriku u bħala materja prima fil-produzzjoni tal-pellikoli. Ir-riċerka impenjata u estensiva li wettaq l-ASAHI sabiex jidentifika alternattiva li ma tnaqqasx l-ożonu għall-HCFC-225cb uriet progress tajjeb. Il-metanol huwa suġġerit bħala alternattiva iżda l-proċess jirrikjedi aktar riċerka u żvilupp qabel ma jkun jista' jissostitwixxi l-HCFC-225cb. Il-proċess attwali jirriċikla l-HCFC-225cb u l-HCFC-225cb li jibqa' qed jiġi rkuprat. Ir-rilaxxi fl-atmosfera huma strettament minimizzati.

(4) Il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa l-aspetti tekniċi u ekonomiċi tal-produzzjoni tal-fluworopolimeri għall-iskopijiet deskritti mill-ASAHI u stabbiliet li l-ebda sostanza jew teknoloġija li huma ekonomikament fattibbli ma huma disponibbli bħalissa u li l-użu temporanju ta' l-HCFC-225cb jibqa' essenzjali għal din l-applikazzjoni partikolari. Għalhekk għandha tiġi awtorizzata eżenzjoni temporanja għall-użu u t-tqegħid fis-suq ta' l-HCFC-225cb.

(5) Fit-talba tiegħu għall-eżenzjoni, ASAHI ssuġġerixxa alternattiva u ntrabat li jimplimenta dik l-alternattiva qabel ma tiskadi l-eżenzjoni. Għalhekk għandu jsir provvediment sabiex l-awtorità kompetenti tressaq rapport dwar ir-riżultati mill-applikazzjoni ta' l-alternattiva rilevanti. L-obbligu tar-Renju Unit li jissorvelja dik l-implimentazzjoni u t-terminazzjoni awtomatika ta' l-eżenzjoni fil-każ ta' implimentazzjoni sħiħa ta' dik l-alternattiva għandhom ikunu previsti.

(6) L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jesiġi l-irkupru tas-sustanzi li jnaqqsu l-ożonu. Skond dan l-Artikolu, HCFC-225cb li jkun għad fadal mill-proċess fi tmiem l-użu tiegħu, għandu jiġi rkuprat mill-installazzjoni f'konformità ma' l-Artikolu 16. M'għandux jitqiegħed fuq is-suq Komunitarju u għalhekk għandu jiġi rritornat lill-produttur f'dak iż-żmien li jipprevedi l-ASAHI.

(7) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikoli 4(3) u 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000, ir-Renju Unit huwa awtorizzat li jippermetti, sal-31 ta' Diċembru 2010, l-użu u t-tqegħid fis-suq minn AGC Chemicals Europe, Ltd. (ASAHI), ta' l-HCFC-225cb bħala *chain transfer agent* u bħala solvent addizzjonali (*co-solvent*) fil-produzzjoni tar-reżina ta' l-Etilene-tetrafluworoetilene.

[1] ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

Il-kwantità ta' HCFC-225cb awtorizzata m'għandhiex taqbeż 2.1 tunnellati ODP.

Artikolu 2

Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2008, ir-Renju Unit għandu jirrapporta lill-Kummissjoni fir-rigward tad-disponibbiltà u faċilità ta' l-użu tas-sustanza alternattiva proposta mill-ASAHI. Fiddawl ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni se tqis it-tnaqqis talperjodu msemmi fl-Artikolu 1 għall-użu u t-tqegħid fis-suq ta' l-HCFC-225cb.

Jekk dik is-sustanza alternattiva tintuża bħala sostitut għall-HCFC-225cb qabel il-31 ta' Diċembru 2010, l-eżenzjoni awtorizzata fl-Artikolu 1 għandha tieqaf tapplika b'effett middata li fiha tintuża s-sustanza alternattiva għal dan il-għan.

Artikolu 3

Ir-Renju Unit għandu jiżgura li, ma' l-iskadenza ta' l-eżenzjoni, ASAHI jirkupra l-HCFC-225cb kollu li jkun għad fadal millproċess.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni